# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T' APRIL 2002

**Avviz Nru 811/01DM**

**George Borg Limited**

**Vs**

**Nicholsons The Supermarket Ltd u Tonio Ciantar f'ismu personali**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta' erba' telef disa' mija sitta u ghoxrin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm4926.76c) rapprezentanti l-ammont dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija liema ammont gie garantit personalment mill-konvenut Tonio Ciantar (kif jirrizulta minn Dok A anness).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal- mandat ta' sekwestru ppresentat fil-11 ta' Settembru 2001 u bl-imghax legali sal-pagament effettiv bil-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2002 fejn dehret Dr Katia Psaila Savona ghall-konvenuti li ma ikkontestatx it-talba billi ddikjarat illi hemm possibilita ta' tranzazzjoni.

Rat in-nota kontestwali tal-kumpanija attrici u tas-socjeta konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited fejn permezz ta' liema l-atturi rriducew it-talba taghhom ghas-somma ta' Lm2826.76 (elfejn tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sitta u sebghin centezmi) stante pagament tal-konvenuti fil-mori tal-kawza u fejn fit-tieni lok is-socjeta konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited ammettew it-talbiet attrici kif ridotti.

F'din l-istess nota l-partijiet ftehmu illi l-ammonti dovuti mis-socjeta konvenuta kellhom jithallsu mis-socjeta konvenuta permezz ta' pagamenti mensili bil-kundizzjonijiet hemm miftehma u ddikjaraw illi kull drittijiet tas-socjeta attrici kontra l-konvenut Tonio Ciantar f'ismu proprio ghandhom jibqghu impregudikati.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddecidi l-kawza billi tilqa t-talba attrici fil-konfront biss ta' Nicholsons The Supermarket Ltd limitatament ghas-somma kif ridotta ta' Lm2826.76 (elfejn tmien mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u, fil waqt li tillibera lill-konvenut Tonio Ciantar mill-osservanza tal-gudizzju, qieghdha tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas ukoll l-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' Settembru 2001 u tordna illi l-kumpanija konvenuta ghandha tinghata beneficcji tat-terminu ghall- hlas tal-ammonti kollha minnha dovuti skond din is-sentenza billi tinghata fakulta sabiex thallas permezz ta' rati mensili egwali u konsekuttivi ta' Lm400 (erba mitt Lira Maltin) l-wahda, bl-ewwel wahda fl-ewwel gimgha tax-xahar ta' Mejju tas-sena 2002 u bil-kundizzjoni illi l-kumpanija konvenuta titlef dan il-beneficcju tat-terminu jekk hija tonqos milli thallas almenu tnejn (2) minn dawn il-pagamenti jew tkun lura fil-pagamenti f'ammont eqwivalenti ghas-somma ta' Lm800 (tmien mitt lira Maltin) u ghalhekk is-sentenza issir ezegwibbli f'kaz ta tali nuqqas ta' pagamenti.

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia

Dep.Reg.Civil 39